**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Frar 2024**

**Kawża Numru: 11**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 709/2023 JVC**

**Maria Christina Wild (Passaport tar-Renju Unit Nru. 542286598)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Maria Christina Wild talbet kif isegwi:

1. '1. Illi l-esponenti twieldet nhar id-29 ta' Novembru, 1975 bil-kunjom 'Sammut-Alessi' u dan kif jidher mill-anness ċertifikat tat-twelid (Dok A).

2. Illi hija żżewġet lir-raġel tagħha Daniel Wild ġewwa l-Olanda nhar is-7 ta' Lulju, 2006 u dan kif jidher mill-anness ċertifikat taż-żwieġ.

3. Illi hekk kif inhi l-prassi ġewwa l-Olanda, fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ hija żammet kunjom xbubitha, ossia 'Sammut-Alessi' (Dok B).

4. Illi sussegwentement hija applikat mal-awtoritajiet Olandiżi sabiex tieħu l-kunjom tar-raġel tagħha, ossia 'Wild', liema applikazzjoni ġiet milqugħa hekk kif jirriżulta mill-anness estratt uffiċjali tar-reġistru pubbliku rilaxxat mill-Executive Committee of the Municipality of Haarlemmermeer ġewwa l-Olanda (Dok C).

5. Illi tali bidla ġiet rikonoxxuta mill-awtoritajiet kollha, inkluż dawk ġewwa r-Renju Unit, li saħansitra wettqu l-bidla opportuna fuq il-passaport tal-attriċi maħruġ mir-Renju Unit, u dan kif jirriżulta mill-anness kopja awtentika tal-istess passaport (Dok D).

6. Illi meta l-esponenti ġiet biex tottjeni l-ħruġ ta' passaport Malti l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku rrifjuta li joħroġ l-istess passaport taħt il-kunjom il-ġdid tal-attriċi ossia 'Maria Christina Wild' u minflok beda jinsisti li l-istess passaport kellu jinħareġ b' kunjom xbubit l-attriċi, ossia 'Sammut-Alessi'.

7. Illi r-raġuni mogħtija għal dan kien minħabba li fuq l-att taż-żwieġ Olandiż l-attriċi kienet indikata b' kunjom xbubitha, b'dan li l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku njora għal kollox il-fatt li sussegwentement l-attriċi kienet ottjeniet bidla f' kunjomha b' mod uffiċjali u proprju bis-saħħa taż-żwieġ tagħha.

8. Illi llum il-ġurnata kunjom l-attriċi jidher bħala 'Wild' f' kull dokument uffiċjali li għandha, għajr għaċ-ċertifkat tat-twelid u ċ-ċertifikat taż-żwieġ oriġinali.

9. Illi l-attriċi tixtieq li tkun f' pożizzjoni li tottjeni l-ħruġ ta' passaport Malti taħt kunjomha 'Wild' kif ukoll illi sussegwentement tipproċedi wkoll biex tottjeni r-reġistrazzjoni taż-żwieġ tagħha f' Malta, u dan kollu taħt dak li llum huwa l-kunjom uffiċjali tagħha – ossia 'Wild'.

10. Illi l-attriċi tixtieq illi dan il-bdil fil-kunjom jiġi wkoll rifless fl-atti ta' stat ċivili relattivi kollha.

11. Illi l-esponenti qiegħda *inter alia* titlob dana sabiex ma jkunx hemm lok għal-ħolqien ta' identita' doppja jew saħansitra nuqqas ta' kjarezza dwar l-identita tagħha.

12. Illi l-attriċi tiddikjara li taf b' dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, jgħid l-intimat għalfejn m'għandix din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet il-fuq premessi, u prevja kull dikjarazzjoni u provvediment ulterjuri li jkunu jidhrulha xierqa u opportuni, jogħġobha:

i. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-attriċi għandha l-kunjom 'Wild'.

ii. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex f' kull att u dokument uffiċjali minnu mimżum u maħruġ u relattiv għall-ħajja u l-istat ċivili tal-attriċi, il-kunjom tal-attriċi ossia 'Sammut-Alessi' jiġi sostitwit bil-kunjom 'Wild', u dan ai

termini tal-Artikolu 253 et seq. tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ir-rappreżentanti ta' liema huma minn issa nġunti għas-subizzjoni. '

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament jingħad illi l-Att taż-Żwieġ esteru tal-attriċi, ossia dak Olandiz għadu ma ġiex reġistrat f'Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-istess artikolu ċitat, l-att esteru jiġi reġistrat f'Malta billi d-dettalji fl-Att taż-Żwieġ Olandiż jiġu replikati f'Malta *ad verbatim* u għalhekk l-Att taż-Żwieġ f'Malta jkun jindika l-kunjom li l-attriċi ħadet wara ż-żwieġ ossia "SAMMUT-ALESSI";

2. Illi preliminarjament ukoll, ġialadarba l-Att taż-Żwieġ esteru jiġi reġistrat f'Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;

4. Illi mill-informazzjoni fil-poteri tal-esponent jirriżulta illi l-Att tat-Twelid bin-numru 6021/2021, 'Maria Christina SAMMUT-ALESSI' twieldet ġewwa r-Renju Unit nhar id-29 ta' Novembru 1975 lil 'Bernard William SAMMUT-

ALESSI' u 'Mary Rose SAMMUT-ALESSI *at birth* CASSAR TORREGGIANI';

5. Illi minn dak li jirriżulta fir-rikors promotur jidher li sussegwentament r-rikorrenti żżewġet ġewwa l-Olanda nhar is-7 ta' Lulju 2006 u maż-żwieġ u cioe' fl-2006, żammet kunjom xbubitha 'SAMMUT-ALESSI'. Illi sabiex isiru korrezzjonijiet f'Malta tal-kunjom li r-rikorrenti għandha tkun rikonoxxuta bih wara ż-żwieġ f'Malta, għandu l-ewwel nett jiġi reġistrat l-Att taż-Żwieġ esteru kif suelenkati;

6. Illi jidher illi wara ż-żwieġ allegatament saret proċedura rikonoxxuta skont il-liġi Olandiża li permezz tagħha kunjomha ġie mibdul minn 'SAMMUT-ALESSI' għal 'WILD';

7. Illi l-esponent jkun jista' jirrikonoxxi tali tibdil fuq ordni tal-Qorti, liema tibdil isir fuq l-Att taż-Żwieġ reġistrabbli f'Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Allegatament din il-bidla jidher li ġiet rikonoxxuta anke fir-Renju Unit (skont il-passaport Brittaniku tal-attriċi);

8. Illi rigward it-talbiet tar-rikorrenti, kemm -il darba l-eċċezzjonijiet preliminari jiġu sorvolati, l-esponent jirrimetti ruħu salv illi l-provi miġjuba quddiem din l-Onorrabli Qorti jkunu l-aħjar u sodisfaċjenti f'għajnejn il-liġi u salv illi:

9. Id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors promotur senjament *Dok. Ċ*, liema dokumentazzjoni allegatament turi t-tibdil fil-kunjom tiġi tradotta minn traduttur

uffiċjali għall-Ingliż u dan sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista tieħu konjizzjoni tal-istess dokument;

10. Speċifikament rigward it-tieni talba, r-rikorrenti trid tindika l-atti ta' stat ċivili li trid korrezzjoni fihom. Illi fuq l-Att tat-Twelid m'hemmx ħtieġa li ssir xi annotazzjoni stante li dak li allegatament ġie mibdul kien il-kunjom li l-attrici adottat wara ż-żwieġ. Illi naturalment, l-Att taż-Żwieġ ikun jista' jiġi speċifikat biss bin-numru progressiv u s-sena wara li dan jiġi reġistrat ġewwa Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Illi jiġi speċifikat ukoll illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, korrezzjoni tista' tiġi riflessa biss fuq Atti ta' Stat Ċivili reġistrati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u mhux fuq dokumenti uffiċjali oħra;

12. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u <u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 27 tal-proċess b'dana li t-tieni eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat kif ukoll l-affidavit illi jevidenzja illi r-rikorrenti maż-żwieġ għażlet li tibqa' bil-kunjom Sammut Alessi, pero' konsegwentement hija għażlet illi hija tieħu kunjom ir-raġel tagħha Wild.

Rat illi effettivament dan it-tibdil huwa rifless fiċ-ċertifikat esteru taż-żwieġ esebit fl-atti. Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat rimanenti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddeċiedi u tiddikjara li l-attriċi għandha l-kunjom 'Wild';

3. Tilqa' t-tieni talba w tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex f' kull att u dokument uffiċjali minnu mimżum u maħruġ u relattiv għall-ħajja u l-istat ċivili tal-attriċi miż-żwieġ il-quddiem inkluż ċ-ċertifikat taż-żwieġ

tagħha l-kunjom tal-attriċi ossia 'Sammut-Alessi' jiġi sostitwit bil-kunjom 'Wild', u dan ai termini tal-Artikolu 253 et seq. tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**5.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' Frar 2024**